**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta' Lulju 2016 – Alpha Calcit vs Materis Paints Italia (CALCITE)**

**(Kawża T-742/14)** ([1])

***["Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità — Trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea CALCILITE — Trade mark verbali preċedenti tal-Unjoni Ewropea Calcilit — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Xebh tal-prodotti — Artikolu 8(1)(b) u l-Artikolu 53(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Pubbliku rilevanti — Pubbliku komuni għall-prodotti inkwistjoni"]***

(2016/C 314/27)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Alpha Calcit Füllstoffgesellschaft mbh (Köln, il-Ġermanja) (rappreżentant: F. Hauck, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: S. Palmero Cabezas, aġent)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* Materis Paints Italia SpA (Novate Milanese, l-Italja) (rappreżentanti: P. L. Roncaglia, F. Rossi u N. Parrotta, avukati)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO, tal-4 ta' Settembru 2014 (Każ R 753/2013-4) dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn Alpha Calcit Füllstoffgesellschaft u Materis Paints Italia

**Dispożittiv**

1) *Id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO), tal-4 ta' Settembru 2014 (Każ R 753/2013-4), hija annullata fir-rigward tal-prodotti "żebgħa, verniċ, żmalt; preservanti kontra s-sadid u kontra d-deterjorazzjoni tal-injam; koloranti; murdenti" koperti mit-trade mark ikkontestata.*

2) *Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.*

3) *Alpha Calcit Füllstoffgesellschaft mbh, l-EUIPO u Materis Paints Italia SpA għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom.*

([1]) ĠU C 462, 22.12.2014.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-5 ta' Lulju 2016 – Il-Kummissjoni vs Hristov**

**(Kawża T-26/15 P)** ([1])

***("Appell — Servizz pubbliku — Ħatra — Proċedura ta' selezzjoni u ta' ħatra tad-direttur eżekuttiv ta' aġenzija regolatorja — EMA — Preselezzjoni minn kumitat ta' preselezzjoni — Ħatra mill-Bord Amministrattiv tal-EMA — Kompożizzjoni tal-kumitat ta' preselezzjoni — Kumulu tal-funzjonijiet ta' membru tal-kumitat ta' preselezzjoni u ta' membru tal-Bord Amministrattiv tal-EMA — Imparzjalità")***

(2016/C 314/28)

*Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru*

**Partijiet**

*Appellanti:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment J. Currall, N. Nikolova u S. Petrova, sussegwentement N. Nikolova u S. Petrova, aġenti)